

# il-hajja ta' kristu gesu'

**8.**

## L-GHORRIEF IZURU LIT-TARBIJA GESU'.

**Mattew 2**

Xi ghorrief li kienu jistudjaw il-kwiekeb skoprew kewba gdida fis-smewwiet, li maghha qatt ma kienu ltaqghu. Minn studju u tfittix iehor li ghamlu, sabu li din il-kewba kienet thabbar is-sinjal li Kristu, l-imwieghed re tal-Lhud kellu jitwieled fid-dinja.

Dawn xtaqu jaraw il-Verita' li kellha tkun is-salvazzjoni tal-popli kollha. Issoponew li l-gens Lhudi kien kburi hafna li ir-Re Feddej kellu jkun wiehed minnhom.



Minhabba li dawn l-ghorrief kienu nies sinjuri, ippjanaw li jaghmlu dak li vjagg twil biex jsellmu lil dan ir-re u maghhom jiehdu rigali prezzjuzi . Hemm joffruhomlu u jadurawh.

Ghal hafna granet huma terrqu fid-dezert sa ma fl-ahhar waslu fl-art tal-Lhud. Dahlu gewwa Gerusalemm ghax hasbu li hemm ser isibu lir-re tal-Lhud. U certament f'din il-belt famuza tal-Lhud ippretendew li ser isibu u juru r-rispett taghhom lil dan ir-re tarbija.

Erodi, il-bniedem li Ruma qieghdet biex jiehu hsieb l-interessi taghha fl-art tal-Gudea, kien qieghed Gerusalemm dak iz-zmien li fih waslu l-ghorrief. Kien sorpriz ghal ahhar meta dawn il-barranin dehru dehlin Gerusalemm fuq l-igmla u jistaqsu: " Fejn hi t-tarbija li twieled li hu r-re tal-Lhud?. Ghax ahna rajna il-kewba tieghu fil-Lvant u gejna nqimuh."



Erodi ma kien sema' xejn fuq dan ir-re u thawwad hafna fih iniffsu. Anke s-sinjuri ta' Gerusalemm kienu konfuzi mit-talba ta' l-ghorrief tal-Lvant. Hadd ma kien sema' xejn fuq Gesu'.

L-ghorrief kienu ddizappuntati ghal ahhar li hadd f'Gerusalemm ma kien jaf xejn fuq dan is-sultan tarbija. Bezghu li kienu hadu xi zball, imma stennew fuq ix-xwieki meta Erodi talabhom jistennew halli jikkonsulta lil qassisin il-kbar u l-Iskribi fuq it-twelid ta' dan is-salvatur. Dawn kienu nies li jaqraw u jinterpretaw l-Iskritturi miktuba mill-profeti u fehmu li Kristu kellu jitwieled gewwa Betlem. B'dan kollu qalu lil Erodi li sejjah mill-gdid l-ghorrief tal-Lvant. Erodi tfantas b'din l-ahbar ghax ma riedx icedi t-tron tieghu lil dan ir-re. Ried jibda jahkem hu fuq il-poplu Lhudi. Zamm kollox mistur go fih u qabel ma l-ghorrief telqu staqsiehom meta kien iz-zmiem li fih raw l-kewba. Huwa talabhom imorru ifittxuh u meta isibuh jgharrfuh fejn, halli hu wkoll jmur joffri r-rispetti tieghu lilu. Ribku mill-gdid l-igmla taghhom u rhewlha lejn Gerusalemm. L-istess kewba li iddirigiethom lejn Gerusalemm mill-Lvant, fegget mill-gdid biex tiggwidhom lejn Betlem u turihom id-dar fejn kien joqghod Gesu' ma' Marija u Guzeppi.

Issa kienu certi li ma hadux zball fil-kalkoli taghhom u ferhu bla qies ghaliex emmnu li Alla kien qed jghinhom isibu lit-tarbija Gesu' b'din il-manjiera.

Meta waslu f'Betlem il-kewba waqfet fuq id-dar fejn kien jghammar Gesu'. Dahlu fid-dar u hemm tawh il-qima taghhom u offrewlu ir-rigali li kienu gabu maghhom minn art twelidhom – id-deheb, incens u mirra.

Alla kellem lil ghorrief permezz ta' holma u wissiehom biex ma jmorrux ghand Erodi. Huma regghu lura lejn arthom minn trieq ohra u lil Erodi ma rawh qatt izjed.

## RIFLESSJONI

X'JFISSRU L-MAGI GHAL SAN MATTEW? IL-MAGI JIRRAPRESENTAW IL-GENTILI MGHARRFA BIL-MIGJA TAL-MESSIJA MHUX B'ANGLU IZDA PERMEZZ TA' KEWBA. JURI LI GESU' GIE MHUX BISS GHALL-LHUD IZDA GHAL KULHADD. IS-SALVAZZJONI HIJA GHALL-POPLI KOLLHA TAD-DINJA. HUMA L-POPLI LI GHANDHOM RIEDA TAJBA, LI LESTI LI JISIMGHU U JIMXU FUQ DAK LI HEJJA ALLA GHALIHOM.